

# Fil-Parroċċa kienet issir 'It-Terza"

Mons. Mosè Debono

Din x'kienet tfisser li, fil-Parroċċa tal-Mellieħa u f'Paroċċi oħra, kienet issir it-Terza?

It-Terza kienet tfisser "La Terza Domenica" li, bil-Malti, tfisser "It-Tielet Ħadd tax-xahar". F'kull tielet Ħadd tax-xahar fil-Mellieħa, wara l-Quddiesa ta' l-10:00 ta' filgħodu, kienet toħroġ il-Purċissjoni tal-Ewkaristija madwar il-Pjazza tal-Parroċċa, bis-sehem tal-qassisin kollha, bl-abbatini u bil-fratelli tat-tliet fratellanzi, li għad għandna fil-Mellieħa jiġifieri: Tas-Sagrament, ta' San Ġużepp u tal-Madonna tar-Rużarju. Il-qassis, bis-Sagrament tal-Ewkaristija fl-Ostensorju, kien ikun taħt il-baldakkin merfugħ minn sitt fratelli. In-nies, speċjalment dawk li kienu jkunu fil-knisja, għall-quddiesa ta' l-10.00, kienu huma wkoll jieħdu sehem fil-Purċissjoni bis-Sagrament, tingħata l-Barka Sagramentali. Niftakar li kont nagħmel il-quddiesa bil-kant ta' l-abbatini, akkumpanjati bid-daqq ta' l-orgni.

Din id-drawwa, jew aħjar, din it-tradizzjoni qaddisa, niftakarha sa minn tfuliti, meta kont għadni abbati, ta' xi seba' snin. Jidhirli li din it-tradizzjoni nqatgħet madwar xi tletin sena ilu. Aktarx, jekk niftakar sewwa li, nqatgħet għax, la baqgħu jattendu l-fratelli, u lanqas in-nies ma baqgħu jieħdu sehem fiha.

## Kif kien isir Il-Vjatku?

Kienu jsiru żewġ kwalitajiet ta' Vjatku. Qabel xejn x'inhu l-Vjatku?

Il-Vjatku jfisser li s-Saċerdot iwassal l-Ewkaristija lill-morda, f'darhom stess meta l-aktar ikunu magħdurin ħafna u iktar qrib il-mewt.

Niftakar li, meta kont abbati, u kien ikun hemm xi pazjent verament batut ħafna, u l-qassis ikun ġa amministralu s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda, is-sagristan, kien idoqq qanpiena jew tnejn minn dawk tal-kampnar, bħala sinjal li hemm xi ħadd agunija, u s-saċerdot, se joħroġ bil-Vjatku (bl-Ewkaristija) biex iqarbnu/iqarbinha. It-tokki tal-qanpiena kienu jfissru wkoll biex, it-tfal imorru l-Knisja Parrokkjali, jieħdu fanal mixgħul bix-xema ġo fih, f'idejhom, u jakkumpanjaw il-qassis bl-Ewkaristija lejn id-dar tal-marid. Kien hemm madwar 40 fanal. In-nies ukoll kienu jkunu mistiedna biex flimkien mal-qassis u mat-tfal bil-fanali f'idejhom, ilkoll flimkien, jaslu sad-dar tal-marid biex jingħata l-aħħar Tqarbina – Il-Vjatku. F'dan il-każ, il-qassis ma kienx iġorr l-Ewkaristija taħt il-baldakkin, imma taħt l-umbrella merfugħa minn wieħed mill-fratelli. Ma niftakarx sewwa jekk il-fratelli kinux jieħdu sehem ukoll f'każ ta' pazjent wieħed biss qrib il-mewt. Żgur, pero', li ma kienx ikun hemm fratelli bl-istandarti.

Imbagħad niftakar, li kien isir il-Vjatku solenni, jiġifieri għall-morda kollha tal-Parroċċa. Pero', aħjar insejħulha "It-Tqarbina għall-morda kollha", milli "Il-Vjatku". Niftakar, bħala abbati, konna noħorġu bis-Sagrament ta' l-Ewkaristija mill-Knisja Parrokkjali, il-Ħadd filgħodu, bil-qassisin, abbattini, it-tliet fratelanzi, it-tfal bil-fanali mixgħula, u ħafna nies oħra. Il-qassis kien iġorr l-Ewkaristija f'idejh, u taħt il-baldakkin. Niftakar li, bħala abbati, konna nġorru magħna tronett żgħir ta' madwar xi żewġ piedi biex, x'ħin jidħol il-qassis bl-Ewkaristija biex iqarben lill-pazjent, il-qassis iqiegħed l-Ewkarisitja fuq dan it-tronett sakemm jgħid it-talb, u skemm iqara lill-pazjent, imbagħad, iqarbnu. It-tronett huwa bħal dik il-girlandola l-kbira li tintrama fuq l-Artal Maġġur meta jkollna l-Adorazzjoni Solenni. Dan it-tronett għadu jitgawda f'waħda mill-vetrini tas-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali.

## Il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù

Imbagħad, fil-Festa tal-Qalb ta' Ġesù, kienet, u bħal ma għadha toħroġ sa llum, il-Purċissjoni bl-Ewkaristija, fit-toroq prinċipali, jiġifieri, fi Triq il-Kbira (ilum Triq Ġorġ Borg Olivier), Triq Sant'Anna u Triq il-Parroċċa, sal Knisja Parrokkjali. Kienet drawwa antika, u jiena niftakarha sa minn tfuliti, li l-Purċissjoni kienet tieqaf fi tliet postijiet ippreparati għall-okkażjoni u tingħata l-Barka Sagramentali. Aħna u telgħin fi Triq il-Kbira (Triq Ġorġ Borg Olivier), kienet tingħata l-Barka sagramentali qudiem id-dar tal-familja ta' Toni Caruana (ta'



**Madwar l-1030 –1940, fi żmien il-Kappillan Dun Indrì Fenech, kienet għadha tingħata l-Barka Sagramentali taħt il-gallarija tar-restaurant ta' Sike, fil-Festi tal-Qalb ta' Ġesù u tal-Corpus. Taħt il-gallarija kien jintrama l-artal biex, meta il-purċissjoni tasal hemmhekk, l-Ewkaristija titqiegħed fuqu, u tingħata l-Barka Sagramentali. Jidhru l-Abbatini, it-tfal tal-Ewwel Tqarbina u t-Tfal biż-żummarra.**

Xifu), fejn illum hemm Il-"*Jevon's Supermarket*".

It-tieni waqfa kienet fejn, sa ftit xhur ilu kien għad hemm ir-"*Rovers Return Restaurant*" fi Triq Sant'Anna. Hemm, taħt il-portiku, kien ikun hemm artal ippeparat, kien isir xi talb, bħal: "Litanija tal-Qalb ta' Ġesù", u tingħata l-Barka Sagramentali. It-tielet waqfa kienet id-dar ta' Loreta Vassallo, (ta' Ġużepp il-Baqra), fil-kamra ta' barra, armata sabiħa ferm. Illum, din id-dar, hija parti mid-dar tal-familja ta' Ninu Caruana, f' numru 50, fi Triq il-Parroċċa. U fl-aħħar, x'ħin il-purċissjoni tasal il-Knisja Parrokkjali, tingħata l-Barka Sagramentali. Għal din il-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù, u għall-Purċissjonijiet Solenni l-oħra, kienu jattendu madwar 200 fratelli mit-tliet fratellanzi u b'numru kbir ta' nies jakkompanjaw is-Sagrament ta' l-Ewkaristija u bit-talb.

Il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù kienet f'idejn iz-ziju tiegħi Dun Franġisk Debono, ħu missieri.

Id-drawwa li tingħata l-Barka sagramentali f'dawk il-postijiet , fuq imsemmija, naħseb li ilha li nqatgħet madwar 60 sena.